MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-26 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1379/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Nazzareno Zarb**

**Kumpilazzjoni Numru: 1379/2010**

**Illum, 17 ta' Ottubru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Nazzareno Zarb,** ta' 39 sena, bin Anthony u Teresa nee' Gatt, imwieled Pieta', fit-23 ta' Awissu, 1971 u residenti fil-fond 19, 'Antjoe Flats',

Flat 6, Triq il-Qawwara, Marsaskala, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 375571(M);

Akkuzat talli f’Dicembru, 2010 u fix-xhur ta’ qabel u s-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ircieva minghand Raymond Psaila detentur tal-karta ta’ l-identita numru 237570(M) xi weghda li jinghata, lilu, jew lil ohrajn, b’korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b’eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, ai termini ta’ l-artikoli 18, 298C tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli sar recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-atikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 18, 49, 50 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni principali migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ uzura; pero qed tigi lilu addebietata ukoll ir-recidiva.

Illi x-xhieda relevanti ai fini ta'l-ewwel imputazzjoni huma Raymond Psaila, il-persuna li ghamlet ir-rapport lill pulizija, u l-imputat innifsu. Fil-verita xehed ukoll in-Nutar William Azzopardi; dan pero sempliciment ikkonferma li huwa kien irrediga l-iskrittura esebieta u li dak li hemm imnizzel fiha huwa dak li ftehmu dwaru l-partijiet.

Illi ghandu jigi rilevat mill-ewwel li fil-fehma tal-Qorti kemm Raymond Psaila kif ukoll l-imputat ma tantx jistghu jitqiesu bhala xhieda kredibbli u din l-osservazzjoni l-Qorti qed taghmilha mhux biss minhabba dak li rrakkontaw waqt id-depozizzjoni taghhom imma anke wara li kellha l-opportunita tosserva l-kompartament taghhom waqt li qed jaghtu d-depozizzjoni taghhom.

Illi huwa principju kardinali li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u li dan trid taghmlu 'l hemm minn kull dubbju dettat mill-Ligi.

Illi kif diga ntqal ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni kien Raymond Psaila. Dan ix-xhud biddel il-verzjoni tieghu diversi drabi; mhux biss meta wiehed jikkompara dak li kien qal lill-ufficjal prosekutur f'l-istadju ta'l-investigazzjoni imma anke fil-kors tad-depozizzjoni tieghu.

Illi Psaila ta verzjonijiet differenti  b'referenza ghal liema raguni kellu bzonn il-flus, meta sar is-self,  kemm il-darba issellef minghand l-imputat u anke l-ammonti li ssellef. Lanqas kien kapaci jghid kemm kien lahaq hallas mill-ammont li huwa ssellef minghand l-imputat. L-unika haga li qal u li baqa' jsostni mill-bidu sa' l-ahhar hi li lill-imputat baqaghlu jaghtih l-ekwivalenti ta' elf u tlett mitt lira Maltija.

Illi din l-unika prova in sostenn ta'l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, cioe depozizzjoni mimlija kontradizzonijiet, ma tistax tiqies bhala prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni tar-reita ta' l-imputat.

Illi la darba l-ewwel imputazzjoni ma gietx pruvata lanqas ma tista tirrizulta t-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------